## ATTIVITAJIET ĠUNJU 2024

**Is-7 ta’ Ġunju 2024-**Karaoke ġewwa l-klabb tal-futbol f’tal-Pietà.

**Prezz 15€-**Booking għand Maureen Tarpey fuq 79895387 permezz ta’ Revolut

Chicken Salad jew Cheese burger bic-chips jew

Pizza Menu-Margherita jew Funghi jew Peperoni jew Capricciosa jew Tuna jew

Chicken BBQ-Tazza luminata jew tazza nbid u deżerta.

**L-14 ta’ Ġunju 2024–**Quddiesa ta’ Jum il-Missier-Project House-20.00.

**Id-19 ta’Gunju 2024-**

In-nisa se jiltaqgħu ġewwa House of Flavours, Santa Venera. 20.00

Booking Rita Attard fuq 79385677.

L-irġiel se jiltaqgħu ġewwa Ta’ Canti, l-Imġarr. 20.00

Booking John Trapani fuq 99443481.

Fiz-2 każijiet, kulħadd jordna li jrid hu.

**Il-21 ta’ Ġunju 2024-**Project House. 20.00-Kwizz ma’ John Muscat ibbażżat fuq is-suċċess Amerikan Family Feud.

**It-28 ta’ Ġunju 2024–**Birthday Celebrations ġewwa l-Qawra Palace Buffett, All

Inclusive (inbid, birra, minerali u ilma) Prezz: €26.50. Booking permezz ta’ Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387.

Grazzi.

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

Fuljett ta’ kull xahar




Volum 26
Ħarġa 06
Ġunju 2024

***Skond il-fehma tiegħi,*** hawn ħafna teoriji dwar dak li jgħaddi minnu l-bniedem meta jieħu xi aħbar ħażina  fuq mard, mard fuqu nnifsu jew fuq xi ħadd għażiż għalih. Jekk il-marda tkun terminali, in-niket ikun akbar. L-istess fejn tidħol il-mewt tal-għeżież tagħna. Jien nibqa’ dejjem insostni li r-reazzjoni għal dawn l-affarijiet hija dejjem personali. Ħadd ma jirreaġixxi l-istess. Aħna kollha differenti. Ħafna teoriji diffiċli. Jiena wkoll bnejt it-teorija tiegħi.

Personalment, jiena għaddejt minn dawn it-tliet fażijiet.

**1.L-aħbar**
**2.Tgħix realtà li ma ridtx**
**3.It-Triq ’il quddiem. Il-kuraġġ.**

**1. L-Aħbar.**

Meta tieħu aħbar ħażina dwar mard, kundizzjoni jew meta tiġi nieqsa persuna viċin tiegħek x’aktarx li ma taċċettax mill-ewwel. Tibda tixtieq li għaddej minn xi ħolma kerha imma li daqt tgħaddi u kollox jiġi għan-normal f’qasir żmien. Fil-verità, il-mard u l-mewt huma żewġ dinjiet differenti għalkemm il-mewt tista’ tkun kawża tal-mard. Filwaqt li meta nieħdu aħbar fuq mard, anke jekk ikun terminali jkun hemm it-tama li jseħħ xi miraklu, fejn tidħol il-mewt ikollna naċċettaw li m’hemmx ċans ta’ mirakli. Li ġara, ġara.

Hija ħaġa naturali li fejn hemm il-mard induru lejn Alla lejn il-qaddisin u lejn dak kollu li nemmnu fih, dejjem bit-tama li sseħħ xi ħaġa mingħajr spjegazzjoni xjentifika u dak li jkun ifiq. Imma meta persuna tmut ma tantx hemm x’tagħmel. Tista’ titlob għal paċi u għas-serħan etern għal min telaq imma sa hemm tista’ tasal.

*Ikompli f’paġna 2*

**2. Tgħix realtà li ma ridtx.**

Meta jibda għaddej iż-żmien u tibda tinduna li dak li hemm, hemm, ikun wasal iż-żmien iebes li tgħix realtà li ma ridtx. La l-mard u lanqas il-mewt ma kienu fil-pjanijiet tiegħek. Fejn jidħol il-mard terminali jista' jkollok emozzjonijiet imħallta. Meta tara l-persuna li tħobb tbati tibda titlob lil Alla sabiex jeħodha ħalli tistrieħ u ma tibqax tbati. Dan waqt li ma tkunx tixtieq titlef lil dik l-istess persuna. Hija sitwazzjoni krudili u iebsa ħafna.

Meta tasal il-mewt, il-ħajja li kellek tieqaf hemm u mill-ġdid trid tibda tibni ħajjiet personali u soċjali ġodda. Kemm fil-każ tal-mard u tal-mewt tidħol rabja kbira u jibdew id-domandi. Domandi naturali iżda li ma jwasslu għal imkien ħlief għal aktar niket. Għalfejn aħna? Għalfejn jien? Mela nsejtni sinjur Alla?

Fill-mewt jibdew ġejjin id-dubji, anke dwar il-kapaċitajiet tiegħek li tgħix b'din il-bidla f'ħajtek. Dawn ukoll huma naturali. Tibda tħossok anke eskluż mis-soċjetà. Tibda tħossok waħdek anke jekk tkun imdawwar bin-nies. Tibda tħossok differenti. Se tisma' ħafna kliem tradizzjonali. Se taqta' qalbek. Se tibki. Se tiddispra. Se tħossok inutli. Intenni li mhux kulħadd l-istess. Mhux bilfors se tgħaddu jew tħossu dan kollu. Tinsewx, aħna kollha differenti, aħna uniċi.

Imma kemm se ddum hekk?

**3.It-triq 'il quddiem. Il-Kuraġġ.**

Iż-żewġ fażijiet li semmejt qabel m'għandhomx xi żmien marbut magħhom. Kulħadd jieħu ż-żmien neċessarju. F'dawn l-affarijiet wieħed jimxi b'kawtela. Ħadd ma għandu jqabbel lilu nnifsu ma' persuna oħra. Meta nkunu għaddejna minn żmien in-niket komplut, nibdew nistaqsu lilna nfusna, issa x'se nagħmel? Hawn ukoll jidħol il-karattru, hawn min jingħalaq fih innifsu u hawn min ifittex is-sapport. Is-sapport fil-forom differenti tiegħu. Hawn min jibda jaħseb li ħajtu spiċċat u jibqa' jgħix fil-memorji tal-passat u hawn min jiddeċiedi li minkejja kollox se jerġa' jibda jibni ħajja ġdida. Irridu nifhmu li l-ħajja li kellna qabel spiċċat u li issa kollox ġdid. Wieħed meta jħossu xi ftit aħjar, jerġa' jibda jagħmel xi pjanijiet għall-futur. Ikun wasal żmien id-deċiżjonijiet, l-aktar fejn jidħlu l-ulied u anke fuqna personali. Għax aħna bħala romol, aħna importanti wkoll, importanti ħafna.

*Ikompli f'paġna 3*

Il-fażi tal-aħbar u li naċċettaw realtà li ma ridniex issa għaddew. Issa wasal iż-żmien li nfasslu t-triq 'il quddiem. Ejja nkunu onesti. Ħafna drabi neħlu għax nibdew naħsbu li se nweġġgħu lilna nfusna jew lil ta' madwarna. Il-biża' li twelled aktar biża'. Dejjem ngħid jien li l-aktar relazzjoni diffiċli li jkollna f'ħajjitna hija r-relazzjoni magħna nfusna. Dejjem nixħtu d-dubji fuqna. Għax jien nistħi, għax jien supperv, għax jien ma nagħmilx ħbieb malajr u bosta affrijiet negattivi oħra. U jekk ikollna sieħeb jew sieħba, il-biża' tikber. Ħa nweġġa' lit-tfal, donni qed naqlibhielha jew naqlibhielu u affarijiet simili li jnisslu dubji kbar. Hija ħasra li naħlu ħajjitna nibżgħu. Nibdew nibżgħu li qed ngħixu fid-dnub meta l-unika dnub kien dak li tlifna lil-mara jew lir-raġel u sirna romol. Xi dnub!

Kulħadd ifassal it-teorija tiegħu. Naqraw iva, niġu influwenzati minn dak kollu li naqraw le. Dejjem ngħaddu kollox mill-passatur u nżommu biss dak li hu tajjeb għalina. Issa wasal i-żmien li nqumu fuq tagħna. Hu normali li tibki, imma ħallikom mill-paroli tan-nies u mill-biża'. Kuraġġ ħbieb.

